**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Jannar, 2023**

**Rikors Maħluf Nru: 725/2022**

***MICHAEL DEBONO LIMITED***

***VS.***

***CARMELO CATANIA***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar iż-żewġ talbiet mressqa mill-kumpannija rikorrenti kontra Carmelo Catania;

***Daħla***

2. B'**rikors maħluf** imressaq fid-9 ta' Awwissu, 2022, il-kumpannija rikorrenti fissret li hija għandha tiġbor mingħand il-konvenut Carmelo Catania s-somma ta' €31,203.66 maqsuma hekk: (i) €10,074 bħala arretrati minn ftehim ta' xiri bin-nifs tal-11 ta' Settembru, 2019 dwar vettura tal-għamla Toyota C-HR; u (ii) €21,129.66 bħala bilanċ mill-bejgħ immedjat tal-istess vettura skont l-istess ftehim tal-11 ta' Settembru, 2019;

3. Għalhekk billi skont il-kumpannija rikorrenti s-somma ta' €31,203.66 flimkien mal-imgħax hija ċerta, likwida u dovuta, u billi dejjem fil-fehma tal-kumpannija rikorrenti, l-imsemmi Carmelo Catania m'għandux eċċezzjonijiet xi jressaq kontra din it-talba għall-ħlas, hija talbet lil din il-qorti sabiex:

> «*i. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ, għall-finijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *ii. Tikkundanna lill-konvenut jħallas s-somma ta' wieħed u tletin elf, mitejn u tliet ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€31,203.66) rappreżentanti in kwantu għas-somma ta' għaxart elef, u erbgħa u sebgħin ewro (€10,074) arretrati mhux imħallsa fuq il-vettura tat-tip Toyota C-HR, li s-soċjetà attriċi biegħet u kkonsenjat lill-konvenut skont Hire Purchase Agreement datat 11 ta' Settembru, 2019 hawn anness u mmarkat bħala Dokument 'A' u in kwantu għas-somma ta' wieħed u għoxrin elf, mija u disgħa u għoxrin ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€21,129.66) rappreżentanti bilanċ ta' prezz tal-imsemmija vettura li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu skont l-imsemmija skrittura, oltre l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv, u dan skont ma jidher mill-istatement hawn anness u mmarkat bħala "Dokument B".*
>
> *Bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u l-mandat ta' qbid preżentati kontra l-intimat oltre l-imgħaxijiet legali sal-jum tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni tiegħu.*»

4. B'digriet kamerali mogħti fl-10 ta' Awwissu, 2022, il-qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors maħluf lil Carmelo Catania u tagħtu l-jedd li jekk irid iressaq nota fir-reġistru tal-qorti jew fl-udjenza, sabiex biha jattakka l-proċedimenti magħmula mill-kumpannija rikorrenti, bħala mhux regolari jew li ma jgħoddux għall-każ, u dan hekk kif jinsab imfisser fl-**artikolu 170(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Għad li Carmelo Catania ġie notifikat bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni skont l-**artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, huwa għażel li ma jressaq l-ebda nota skont l-**artikolu 170(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex jikkontesta s-siwi ta' dawn il-proċeduri;

6. Hekk ukoll, l-imsemmi Carmelo Catania għażel li ma jidhirx għas-smigħ tat-13 ta' Jannar, 2023 biex jgħarraf lill-qorti jekk huwa għandux xi eċċezzjonijiet validi xi jressaq biex jikkontesta t-talbiet għall-ħlas imressqa mill-kumpannija rikorrenti;

***Fatti***

7. B'kitba tal-11 ta' Settembru, 2019, il-konvenut Carmelo Catania daħal fi ftehim mal-kumpannija rikorrenti biex jixtri bin-nifs il-vettura tal-għamla Toyota C-HR. Il-partijiet qablu li Carmelo Catania kellu jħallas depożitu ta' €1200 u jwettaq 59 pagament ta' €704 kull xahar (ara paġni 6 u 7 tal-atti tal-kawża);

8. Skont rendikont mehmuż mar-rikors maħluf jirriżulta li l-konvenut ma kienx qiegħed iżomm mal-programm ta' ħlasijiet maqbul minnu mal-kumpannija rikorrenti (ara paġna 9 tal-atti). Jidher ukoll minn dan ir-rendikont, li Carmelo Catania wettaq l-ewwel seba' pagamenti, ħallas parti biss mit-tmien pagament u mbagħad waqaf iħallas iktar;

9. Catriel Farruġia, rappreżentant tal-kumpannija rikorrenti, ressaq dikjarazzjoni maħlufa u qal li Carmelo Catania fadallu jħallas b'kollox €31,203.66, b'żieda ma' mgħax sal-ħlas effettiv (ara paġna 3 tal-atti tal-kawża);

***Konsiderazzjonijiet***

10. Il-proċeduri sommarji (aktar magħrufa bħala l-proċeduri bil-giljottina), imsemmijin fl-**artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, huma minnhom infushom ta' natura eċċezzjonali għaliex dawn jitbiegħdu mill-prinċipju ġenerali tal-liġi li jrid li kawża għandha tinqata' wara li l-qorti tieħu qies tal-provi u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet kollha fil-kawża. Kemm hu hekk, fil-proċeduri bil-giljottina l-attur jitlob lill-qorti sabiex hija tgħaddi għas-sentenza tagħha fuq dak li jiġi mressaq lilha mill-istess attur u dan mingħajr il-possibilità ta' kontroll min-naħa tal-parti mħarrka;

11. Għalhekk kif ingħad f'***Emmanuel Bonello v. I.T. Properties Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Diċembru, 2005, «*F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tkun mgħobbija b'responsabbilità akbar billi, mingħajr l-intervent tal-kontro parti, hu mistenni minnha li tilqa' t-talba kif proposta*»;

12. Il-liġi tagħti żewġ rimedji lill-imħarrek biex iwaqqaf il-proċeduri sommarji: (i) billi jqajjem permezz ta' nota li għandha tiġi ppreżentata fir-reġistru jew fl-udjenza, li l-proċedura bil-giljottina mressqa mill-attur, «*mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ*»; jew (ii) billi jġib prova *prima facie* li hu għandu eċċezzjonijiet tajba x'jagħti jew kontro-talba valida xi jressaq fil-mertu (ara ***Carmel Cortis v. Paul Fenech***, Appell Superjuri tal-11 ta' Mejju, 2015);

13. Il-konvenut huwa ħieles li jinqeda b'dawn iż-żewġ rimedji flimkien biex il-proċeduri ma jibqgħux bil-giljottina u jimxu skont il-proċedura ordinarja (ara ***Josephine Snoussi v. Carmel Grixti*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Jannar, 2022);

14. Jekk issir nota li l-proċedura mressqa mill-attur, «*mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ*» u din tiġi milqugħa mill-qorti, allura ma hemmx għalfejn li dik il-qorti tidħol fil-kwestjoni ta' jekk *prima facie* jidhirx li l-konvenut għandu eċċezzjonijiet tajba x'jagħti jew kontro-talba valida xi jressaq fil-mertu, għax f'dak il-każ il-qorti għandha mill-ewwel tawtorizza lill-konvenut biex jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu, kif provdut fl-**artikolu 170(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara *inter alia* ***Wings Couriers Ltd v. L-Avukat Dottor Leslie Cuschieri et nomine***, Appell Superjuri tas-16 ta' Frar, 2014);

15. Kif deċiż mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fis-sentenza ***AIC Fortunato Said v. Joseph Gatt nomine*** deċiża fl-24 ta' April 1989, il-qorti għandha minnufih tilqa' t-talbiet tal-attur jekk tirriżulta waħda minn dawn it-tliet sitwazzjonijiet: (i) dik fejn il-konvenut ma jidhirx u «jibqa' kontumaċi» kif tgħid il-liġi; (ii) dik fejn jidher u ma

jopponix għall-proċeduri tal-giljottina; u (iii) dik fejn jopponi l-proċeduri bla suċċess u jonqos li jissodisfa l-qorti li għandu difiża tajba fil-mertu jew li jġibilha fatti li fil-fehma tal-qorti huma biżżejjed biex jagħtuh il-jedd li jopponi t-talba;

16. Fil-każ tagħna, skont riferta misjuba f'paġna 17A tal-atti, Carmelo Catania ġie notifikat bil-proċedura tal-affissjoni fir-residenza tiegħu, fil-Kunsill Lokali ta' San Ġwann u fl-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġwann, fil-jum tat-28 ta' Novembru, 2022. Il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret fit-22 ta' Novembru, 2022 (ara paġna 18 tal-atti), filwaqt li l-pubblikazzjoni fil-gazzetti lokali, *The Malta Independent* u *In-Nazzjon* saret nhar l-Erbgħa, 21 ta' Diċembru, 2022 u nhar il-Ħamis 22 ta' Diċembru, 2022 rispettivament (ara paġni 36 u 37 tal-atti);

17. Billi skont l-**artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, «*in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard»,* in-notifika ta' Carmelo Catania għandha titqies li twettqet nhar it-**Tlieta, 27 ta' Diċembru, 2022**;

18. Minn meta twettqet in-notifika fis-27 ta' Diċembru, 2022, Carmelo Catania la ressaq nota biex jattakka r-regolarità tal-proċedura li trid tuża' l-kumpannija rikorrenti biex tinqata' din il-kawża; wisq anqas ma deher għas-smigħ tat-13 ta' Jannar, 2023 biex jipprova jikkonvinċi lill-qorti illi huwa għandu difiża tajba biex ixxejjen it-talbiet rikorrenti;

19. F'ċirkostanzi bħal dawn, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni min-naħa tal-konvenut, din il-qorti m'għandhiex triq oħra ħlief li tissokta billi timxi billi tilqa' t-talbiet tal-atturi, hekk kif jgħid u jrid l-**artikolu 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

20. Fuq l-imgħax mitlub mill-kumpannija rikorrenti, il-qorti bit-tħaddim tal-**artikolu 1139 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta** ħa timxi fuq ir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena. Dwar minn meta għandu jitlaq l-imgħax, tidħol ir-regola msemmija fl-

**artikolu 1141(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li tgħid, li l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju u dan minkejja li fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza ***Iris Dalmas v. Ronnie German et***, deċiża fis-16 ta' Marzu, 2005:

> *«Għall-iskop tad-dekorriment ta' l-imgħax hu meħtieġ interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqiegħed in mora. Jiġifieri, «una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione» (**Kollez. Vol. XVI P I p 84**)»;*

21. Fil-każ tagħna, ma jirriżultax li l-kumpannija rikorrenti sejħet lill-konvenut b'att ġudizzjarju qabel ma fetħet dawn il-proċeduri biex titħallas dak dovut lilha. Għalhekk huwa dan ir-rikors maħluf innifsu, li għandu jitqies bħala l-att ġudizzjarju għall-għanijiet tal-**artikolu 1141(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

22. Mill-atti tal-kawża, jirriżulta li l-konvenut ġie notifikat bir-rikors maħluf fis-27 ta' Diċembru, 2022 wara li ntemmet il-proċedura tan-notifika bil-pubblikazzjoni u l-affissjoni u għalhekk hija minn din id-data tat-tagħrifa li l-qorti tqis li għandhom jibdew jiġru l-imgħaxijiet (ara *inter alia* ***Joseph Pisani et v. David Mamo et***, Appell Superjuri tas-27 ta' Settembru, 2019 u ***George Żammit et v. Alfred Żammit et***, Appell Superjuri tal-31 ta' Mejju, 2019);

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **Tilqa'** l-ewwel talba tal-kumpannija rikorrenti biex tipproċedi għas-sentenza mingħajr smigħ skont l-**artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; u

ii. **<u>Tilqa’</u>** t-tieni talba tal-kumpannija rikorrenti u b’hekk tiddikjara u tikkundanna lil Carmelo Catania jħallas lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta’ €31,203.66, bl-imgħax bit-8% fis-sena, li jibda mid-data tan-notifika tar-rikors maħluf, *viz*. fis-27 ta’ Diċembru, 2022, sad-data tal-ħlas effettiv;

**<u>Tordna</u>** wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma’ dawn il-proċeduri, magħduda magħhom l-ispejjeż marbuta mal-mandat ta’ sekwestru u mal-mandat ta’ qbid maħruġa kontra Carmelo Catania jitħallsu kollha kemm huma mill-imsemmi Carmelo Catania.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**